Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0176

Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+): miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi (COM(2025)0164 – C10-0064/2025 – 2025/0085(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0164),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 164, 175, 177 u 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0064/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropewtad-29 ta' April 2025[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta' Mejju 2025[2],

---

1 ĠU C, C/2025/3197, 2.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3197/oj.
2 ĠU C, C/2025/3474, 16.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3474/oj.

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta’ Lulju 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0122/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0085

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-10 ta' Settembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fir-rigward ta’ miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2025/1913.)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/1913[1]

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tifhem l-intenzjoni tal-koleġiżlaturi li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura li l-Istat tad-Dritt jinżamm fl-implimentazzjoni tal-Fondi u se tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-programm f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu.

[1] ĠU L, 2025/1913, 19.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1913/oj.